

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 513/2010****tal-15 ta' Ġunju 2010****li jemenda l-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-aġġustament tal-kwoti mis-sena tas-suq 2010/2011 fis-settur taz-zokkor**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 59(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jstabbilixxi l-kwoti nazzjonali u reġjonali għall-produzzjoni taz-zokkor, l-isogħluożju u x-xropp tal-inulina. Għas-sena tas-suq 2010/2011 daww il-kwoti għandhom jiġu aġġustati billi titqies id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li tapplika l-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) 1234/2007.

- (2) L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jiġi mibdul bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

## ANNEX

## "ANNEX VI

**KWOTI NAZZJONALI U REĠJONALI**  
**mis-sena tas-suq 2010/2011 'il quddiem**

(f'tunnellati)

L-Istati Membri jew reġjuni (1)	Zokkor (2)	Isoglukożju (3)	Xropp tal-inulina (4)
Il-Belġju	676 235,0	114 580,2	0
Il-Bulgarija	0	89 198,0	
Ir-Repubblika Ċeka	372 459,3		
Id-Danimarka	372 383,0		
Il-Ġermanja	2 898 255,7	56 638,2	
L-Irlanda	0		
Il-Greċja	158 702,0	0	
Spanja	498 480,2	53 810,2	
Franza (kontinentali flimkien ma' Korsika)	3 004 811,15		0
Id-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej	432 220,05		
L-Italja	508 379,0	32 492,5	
Il-Latvja	0		
Il-Litwanja	90 252,0		
L-Ungerija	105 420,0	220 265,8	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	804 888,0	0	0
L-Awstrija	351 027,4		
Il-Polonja	1 405 608,1	42 861,4	
Il-Portugall (kontinentali)	0	12 500,0	
Ir-Reġjun Awtonomu tal-Ażores	9 953,0		
Ir-Rumanija	104 688,8	0	
Is-Slovenja	0		
Is-Slovakkja	112 319,5	68 094,5	
Il-Finlandja	80 999,0	0	
L-Isvezja	293 186,0		
Ir-Renju Unit	1 056 474,0	0	
<b>TOTAL</b>	<b>13 336 741,2</b>	<b>690 440,8</b>	<b>0"</b>